L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 5 ta' Lulju, 2002

# X'misthija!

*U iktar u iktar jisghobbija meta niftakar li din il-holma jew ossessjoni, iktar kemm digà qeghdin sew, switielna wisq flus u gabitna aktar sew! Mhux ahjar nghixu f'realtà ghalina milli noqoghdu noholmu u nkasbru lilna nfusna! Zgur li m'ahniex se nidhlu fil-Guiness Book of Records ghall-konvinzjoni b'dan ir-ritmu!*

Ghalkemm il-Gvern Malti, ir-rapprezentanti tieghu qeghdin jigu lura Malta minn Brussels jiftahru kemm sejrin tajjeb fin-negozjati, jekk niehdu l-vista globali u nqabblu lilna nfusna ma' l-istadju ta' negozjati li waslu fih pajjizi ohra, ovvjament kollha jappartjenu b'xi mod jew iehor il-Lvant ta' l-Ewropa, l-unika espressjoni li tigini f'mohhi hija: X'misthija!

Fir-rendikont li l-*EU Observer* tat dwar kapitli maghluqa fin-negozjati ghal shubija fl-Unjoni, Malta hija t-tielet mill-ahhar! X'unur! Tabilhaqq li mhux in-numri kollox u li, kawtela trid dejjem tinzamm fin-negozjati, imma meta tqis li hafna minn dawn il-pajjizi li ghalqu hafna aktar kapitli minna, applikaw hafna warajna, nistaqsi: Tistghu tghiduli x'qeghdin taghmlu meta titilghu l-Unjoni?

Malta ghandha t-tendenza li dak li haddiehor jaghmel f'qasir zmien iddum beix taghmlu! U mid-dehra hekk hu! Veru li ndumu ghaxar snin biex inlestu triq f'post abitat! U veru li meta nlestuha, wara xi xahrejn nergghu naqilghu kollox mill-gdid! U veru li l-isptar li fl-ahhar nghata isem ta' *Mater Dei*, digà ilu tmien snin jinbena!

Imma, anke fin-negozjati! Ma nafux li diga ilna xi 11-il sena ghaddejjin bl-istorja? U dan jekk naqtghu s-sentejn tal-friza! U l-gravità tas-sitwazzjoni tinhass l-aktar ghax nafu li ilna 11-ilsena nippumpjaw il-flus! U minn fejn? Heqq! Minn bwiet il-Maltin!

Il-pajjizi applikanti huma 12. Cipru u l-Litwanja huma l-pajjizi li l-inqas li ghad baqghalhom kapitli x'jinghalqu. Dawn it-tnejn ghad baqghalhom biss tliet kapitli x'jaghlqu. Il-Latvja u s-Slovenja ghad baqghalhom erba' kapitli kull wiehed. Is-Slovakkja ghad baqghalha hamsa. Ir-Repubblika Ceka u l-Polonja, sitta. U Malta disgha. Dan ifisser li l-unici zewg pajjizi li ghad fadlilhom iktar kapitli x'jaghlqu minna huma l-Bulgarija, li ghad fadlilha 11-il kapitlu u r-Rumanija, li ghad fadlilha 20 kapitlu.

Ta' min jghid ukoll, li dawn il-kapitli huma kkunsidrati bhal maghluqa provizorjament.

Dawn il-kapitli li qeghdin insemmu ma jinkludux assolutament il-kapitli finanzjarji, jigifieri dawk li ghandhom x'jaqsmu mal-provizjonijiet finanjarji u tal-*Budget* u l-agrikultura, li fuq dawn lanqas il-pajjizi membri ta' l-Unjoni m'ghadhom qablu. Fil-fatt, fil-kaz ta' dawn il-kapitli, il-Germanja, l-Izvezja, ir-Renju Unit u d-Danimarka qeghdin jopponu li jinghataw pagamenti diretti lill-istati l-godda.

Iz-zmien li l-pajjizi applikanti ghad baqghalhom biex ilestu n-negozjati taghhom fuq il-kapitli mhux finanzjarju u, jkunu ma' l-ewwel gruppi ta' membri godda, huwa sal-25 ta' Ottubru 2002, meta jsir is-*Summit* Ewropew.

Wara dawn suppost jigu negozjati l-kapitli finanzjarji u t-tir huwa li sa l-ahhar t'Ottubru, l-Unjoni stess tkun qablet bejnietha specjalment dwar il-kwistjoni tal-pagamenti diretti biex b'hekk, il-pajjizi applikanti jkollhom zmien sitt gimghat halli jaghlqu l-kaptli finanzjari wkoll. Dan biex suppost kollox ikun lest ghas-*Summit* ta' Copenhagen previst fit-12-13 ta' Dicembru. Jekk dawn humiex kollha dati ambizzjuzi jew holm fis-shab ghad irridu naraw.

Jista' jkun li veru li s-*Summit* ta' Copenhagen se jikkonferma iktar konkretament xi membri godda ta' l-Unjoni, imma minkejja l-ftahir ta' lil min baghatna jinnegozjalna, ic-cansijiet taghna mhux talli huma idealistici zzejjed bhal ta' haddiehor, imma ninsabu mill-ahhar tal-lista li jekk il-holma Ewropea ssir parzjalment realtà, ahna hemm cans kbir li nibqghu barra!

Barra minn hekk, niftakru wkoll li qabel ma jaslu dawn id-dati minn fuq l-Unjoni, se jghaddu rwiefen shah. Se jsiru elezzjonijiet u referenda kemm fil-pajjizi membri kif ukoll fil-pajjizi applikanti.

U bla dubju ta' xejn, l-uragan imsejjah "Irlanda" li se jgib mieghu t-tieni referendum ta' Nizza li issa anki Verheugen innifsu qed jammetti li qed jaqta' qalbu minnu, u li jekk ma jirrizultax f'"Iva" se jerga' jaqleb ta' taht fuq ir-rotta ta' l-istorja tat-tkabbir Ewropew.

Il-pozizzjoni ta' Malta bhala l-10 minn 12 mhux li tqawwili qalbi, specjalment meta niftaktar li pajjizi *ex*-komunisti li ghadhom jitwieldu l-bierah u l-applikazzjoni taghhom biex isiru membri ta' l-Unjoni ghadha bil-linka ccappas ghalqu aktar kapitli minna.

U iktar u iktar jisghobbija meta niftakar li din il-holma jew ossessjoni, iktar kemm digà qeghdin sew, switielna wisq flus u gabitna aktar sew! Mhux ahjar nghixu f'realtà ghalina milli noqoghdu noholmu u nkasbru lilna nfusna! Zgur li m'ahniex se nidhlu fil-*Guiness Book of Records* ghall-konvinzjoni b'dan ir-ritmu!

Lanqas m'huwa se jkollna xi ras li tispikka bhala xi genju tal-politika u n-negozjati. U min jaf xi 10 snin ohra x'se nkunu nghidu? Nittama li ma nkunux ghadna noholmu! L-Unjoni saret il-fissazjoni tal-Gvern Malti u l-ebda fissazzjoni m'hija tajba.

Bhal kull vizzju, jgieghlek tiggieled u thallas ghalih kuljum mentri ma tafx meta tista' tirbah. Nittama li din il-girja frenetika tieqaf xi mkien halli xi darba nkunu nistghu nikkalmaw u nergghu nibdew nghixu bhala Maltin. "Vi" jew "va" hemm bzonn li din il-fernezija tieqaf!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*